# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Jonathan Ransley)

Vs

David Alberto Cadena Florez

Kumpilazzjoni nru. 697/22

28 ta' Novembru 2022

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat David Alberto Cadena Florez ta' 24 sena, imwieled il-Colombia, nhar it-18 ta' Frar 1998, iben Alberto Cadena u Luz xebba Florez, resident apartment 110 Room C, Triq Robert Bonnici, Lija u detentur tal-karta ta' l-Identita Kolombjana 1095951617.

Talli nhar is-26 ta' Novembru 2022 mill-lokalitajiet ta' Sliema u/jew f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu stess ukoll jekk fi zminijiet differenti li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkommetta serq ta' *Nintendo switch* u *earphones bose* mill-istabbiliment Intercomp ghad-detriment tal-imsemmija kumpanija u/jew kumpaniji/a ohra liema serq huwa ikkwalifikat

bil-valur u l-mezz, liema ammont jeccedi is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu ( 232.94)

2. Ikkommetta serq ta' hwejjeg tad-ditta Addidas u Kappa , pouch tad-ditta Addidas , basket tad-ditta Fila u *backpack* tad-ditta Kappa mill-istabbiliment Addidas store ghad-detriment ta' l-imsemmija kumpanija u/jew kumpanija/ ohra, liema serq hu ikkwalifikat bil-mezz, liema ammont ma jeccedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u ergha u disghin centezmu (232.94).
3. Ikkommetta serq ta' beritta mill-istabbiliment Armani Exchange ghad-detriment ta' l-imsemmija kumpanija u/jew kumpanija/I ohra liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, liema ammont ma jeccediex is-somma ta' mitejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu ( 232.94).
4. Ikkommetta serq ta' pouch tad-ditta Puma mill-istabbiliment Daniels ghad-detriment ta' l-imsemmija kumpanija u/jew kumpanija/I ohra liema serq ma jeccediex is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94.

Fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2022 l-imputat iddikjara li m'ghandhux mezzi u l-Qorti innominat lil Dr Yanaica Bugeja bhala Avukat tal-Ghajnuna Legali.

Gie ezebiet il-Kunsens tal-Avukat Generali skond l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex il-kaz jigi trattat bi proceduri sommarji.

Sar l-ezami tal-imputat li wiegeb li hu hati

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu ghall-imputazzjonijet kontestati lilu inkluz li minhabba n-natura tar-reat il-Qorti setghet tghaddi biex issibu hati u tikkundannah ghal piena li tista' tkun anke wahda karcerarja jew pieni ohra statutorja. Il-Qorti wara li taghtu zmien bizzejjed sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat Difensur u jiddeciedi jekk hux sejjer jerga lura mill- ammissjoni registrata minnu semghet lill- imputat itenni li huwa hati tal-imputazzjonijet migjuba kontrih.

Rat l-artikoli 18,261,278,284 tal-Kap 9, tal-Kodici Kriminali tal- Ligijiet ta' Malta,

Rat l-atti kollha u l-provi kollha prodotti;

Ikkunsidrat

Illi l-Imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri hafna.

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi tikkundanna l-imputat ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta .

Il-Qorti spjegat fid-dettal il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace

Doris Serpina Sciberras

Deputat Registratur